# *Parroċċa Qalb Bla Tebgħa*

# *Ta' Marija, Burmarrad*

**50 SENA KONSAGRAZZJONI**
**TAL-KNISJA PARROKKJALI**





## *LEĦEN IL-PARROĊĊA - Marzu 2014 - Nru. 374*


Għeżież,

Nhar il-5 ta' Marzu ser nagħtu bidu għar-Randan Imqaddes li hu żmien ta' grazzji kbar għalina lkoll. Pero' jista' jiġrilna li nħallu dan iż-żmien tar-Randan jgħaddi bla ma nagħmlu ebda progress spiritwali. Tkun ħasra li dan iż-żmien qaddis jgħaddi, bla ma nieħdu xejn minnu għall-ġid ta' ruħna. Tajjeb li matul dan ir-Randan nitħeġġu mill-aspett spiritwali. Nirriflettu, naħsbu u nieħdu azzjoni bis-serjeta' biex inħallu l-Mulej jaħdem fina u jbiddilna. Irridu naħdmu, biex inkunu aħjar fl-imġieba tagħna mal-proxxmu, b'mod speċjali fejn tidħol il-maħfra.

Fil-fatt, fil-Vanġelu tal-Erbgħa tar-Rmied l-Evanġelista San Mattew, f'Kapitlu 6, versi 1-4, insibu li Ġesu' jpoġġielna quddiemna tlett għajnuniet kbar fil-ħajja spiritwali tagħna li huma...it-Talb, is-Sawm u l-Karita'.

It-Talb huwa djalogu ma' Ġesu', li kuljum insibu l-ħin biex nitkellmu miegħu, anki waqt ix-xogħol tagħna, biex nirringrazzjawh u nitolbuh l-għajnuna. Fuq kollox nitolbuh jurina xi jrid minna.

Is-Sawm hu effettiv biex nersqu lejn Ġesu' u tkun ħaġa tajba li matul ir-Randan insumu u niċċaħħdu minn affarijiet li nħobbu, mhux neċessarjament ikel.

Il-Karita' li nagħtu mill-qalb lil min hu fil-bżonn tista' tkun kemm għotja finanzjarja kif wkoll kliem ta' faraġ u kuraġġ, attenzjoni lil min hu fit-tbatija bħal f'xi biża' jew mard jew taħt xi tensjoni.

Mela ejjew bħala parroċċa nirsistu bis-serjeta' ħalli niġġeddu fir-ruħ tagħna: it-Talb, is-Sawm u l-Karita' jgħinuna ħafna sabiex jirnexxielna nagħmlu dan b'suċċess.

Tkunu mberkin!

P.Joseph Mamo ofm Conv.— Kappillan

# Eżerċizzi tar-Randan 2014

## Eżerċizzi għat-Tfal

10 - 14 ta' Marzu.

4.30pm Fiċ-Ċentru Parrokkjali.

Pred: P. Frans Deguara ofm. Conv.

## Eżerċizzi Għal Miżżewġin

24 - 28 ta' Marzu.

6.45pm Fil-Knisja.

Pred: P. Thomas Calleja ofm. Conv.

## Eżerċizzi għaż-Żgħażagħ

28 ta' Marzu.

Mis-7.00pm sa l-10.00pm

Ċentru Parrokkjali.



## Eżerċizzi Għal Kulħadd

Fil-Ġimgħa tad-Duluri

7 - 11 ta' April.

7.00pm Waqt il-Quddiesa.

Pred: Djaknu P. Christian Borg ofm. Conv.

# *Il-Bnedmin il-Ħienja*

Il-bniedem hu maħluq fuq is-sura u x-xbieha t'Alla. Għalhekk l-ebda bniedem ieħor jew oġġett maħluq mill-bniedem ma' jista' qatt jimlielu qalbu jew jissodisfah kompletament. It-tendenza dejjem hi li l-bniedem ifittex azzjonijiet u attitudnijiet li ma jagħmluħx ferħan. Skond San Tumas t'Aquino, dawn huma l-ġid materjali, il-pjaċir, il-poter u l-unur. Hu jiddeskrivi dawn l-erbgħa bħala vizzji li jagħmlu lill-bniedem skjav tagħhom.

- ***Ħenjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.*** Ġesu' jgħidilna li ħieni hu min mhuwiex ossessjonat bil-flus u l-ġid tad-dinja. Ġesu' mhux jirreferi bilfors għal min hu sinjur, għax tista' tkun sinjur u m'intix skjav tal-flus. Ġesu' jgħid li ħieni hu min hu meħlus minn din l-iskjavitu' li taħdem bla waqfien biex dejjem ikollok aktar u li taħseb li aktar kemm ikollok, aktar se tkun ħieni.

- ***Ħenjin l-imnikkta, għax huma jkunu mfarrġa.*** Hawn min hu skjav tal-pjaċir, li mhux bilfors huwa l-pjaċir tal-ġisem, imma wkoll il-pjaċir li dejjem tħossok tajjeb fl-emozzjonijiet tiegħek..li qatt ma jkollok kuntlarju..inkwiet ta' xejn..kollox kif tixtieq...dejjem ferħan se ttir.

- ***Ħenjin ta' qalbhom ħelwa, għax huma jkollhom b'wirthom l-art.*** Ġesu' qatt ma qal li l-poter huwa ħażin fih innifsu, imma hu perikoluż ħafna u diffiċli mmens għall-bniedem li ma jkunx skjav tal-poter. Il-poter iġagħlek tħossok li ħadd ma jista' għalik. Il-poter huwa l-aktar tentazzjoni qawwija u attraenti minnhom kollha.

- ***Ħenjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.***

  Ħafna nies mhumiex skjavi tal-flus, tal-pjaċiri u tal-poter, imma jaqgħu faċilment skjavi tal-unur personali. Dan ifisser li trid tidher sabiħ ma' kulħadd, tibqa' ħabib ma' kulħadd akkost ta' kollox, kulħadd jammirak, ħadd ma jgħid kontrik, kulħadd japprovak u kulħadd ifaħħrek. Din hija tentazzjoni qawwija ħafna li ma tħalliniex inkunu liberi fil-kliem u fl-azzjonijiet tagħna. Il-verita' hi li ħieni hu min jiġi rredikolat, imwaqqa' għaċ-ċajt u mgħajjar minħabba Kristu Msallab.

San Tumas jgħidilna li jekk trid eżempju ta’ bniedem ħieni, ħares lejn Kristu Msallab. Jekk trid tgħix ħieni, obgħod dak li bagħad Ġesu’ fuq is-salib, u ħobb dak li Hu ħabb fuq is-salib.

Fuq is-salib, Ġesu’ bagħad il-jasar tal-flus, tal-pjaċir, tal-poter u tal-unur.....hu kien imneżża’ għarwien quddiem kulħadd, ġismu kien pjaga waħda, sofra agunija fiżika, mentali u spiritwali, kien bla saħħa u bla poter, u ingħata l-agħar diżunur li setgħu jagħtuh – mewta ta’ kriminal.

**X’ħabb Ġesu’ fuq is-Salib?**

**Ir-Rieda tal-Missier!**

**Kristu Msallab kien Bniedem Ħieni, raġel tassew ferħan!**




Kompetizzjoni Tpinġija

50 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja

It-tfal huma mħeġġa jpinġu xi ħaġa relatata mal-Parroċċa tagħna f’egħluq il-50 sena tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja.

Jiġu esebiti fil-Knisja matul ix-xahar ta’ Mejju.

Tinsewx tiktbu isimkom fuq wara tat-tpinġija.

# ĦAJJA U ĦIDMA – MARZU 2014

**Is-Sibt 1** **L-Ewwel Sibt tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija.
Fil- 5.15pm – Fil-Parroċċa tibda l-Adorazzjoni.

**It-Tnejn 3** Fit-3.30pm-5.30pm jsir il-Party tal-Karnival għat-tfal kollha tal-Parroċċa. Ġenituri ħallu isem it-tfal tagħkom fis-sagristija.

**L-Erbgħa 5** **Bidu tar-Randan Imqaddes**. Obbligu tas-Sawm u Astinenza. 6.15pm Konċelebrazzjoni mill-Komunita' tal-Patrijiet bit-Tqegħid tal-Irmied. Janima l-Kor Parrokkjali.

**Il-Ħamis 6** **L-Ewwel Ħamis tax-xahar**. Issir l-Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' b'talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Tluq minn ħdejn il-Parroċċa f'nofs in-nhar.

**Il-Ġimgħa 7** **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

**Is-Sibt 8 u l-Ħadd 9** Il-ġbir kollu fil-parroċċa tagħna jmur b'risq is-Seminarju.

**Is-Sibt 8** Fis-7.30pm – Ravjulata fiċ-Ċentru Parrokkjali organiżżata mill-Kumitat tal-Festa. Ħallu isimkom fis-sagristija jew kellmu lill-helpers tas-soltu.

**Il-Ħadd 9** **L-Ewwel Ħadd tar-Randan**. 9.30am-12pm Irtir fiċ-Ċentru Parrokkjali organiżżat mill-Kummissjoni Kateketika tal-Parroċċa tagħna. Fil-11am tiġi ċċelebrata Quddiesa. TITILFUX DIN L-OKKAZJONI! Imexxi P.Andrew Galea OFM.Conv.

**It-Tnejn 10** Fl-4.30pm Bidu tal-Eżerċizzi għat-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali minn P.Frans Deguara ofm.Conv.

**L-Erbgħa 12** Lectio Divina wara l-Quddiesa 6.45pm.

**Il-Ħadd 16 It-Tieni Ħadd tar-Randan**. 10.30am Laqgħa tal-Grupp Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**L-Erbgħa 19** Fit-8.30am Quddiesa oħra għall-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp.

**Il-Ġimgħa 21** Fl-4.30pm Laqgħa għall-ġenituri li t-tfal tagħhom ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina fiċ-Ċentru Parrokkjali. It-tfal dak il-ħin tal-laqgħa issirilhom l-Ewwel Qrara fiċ-Ċentru stess.
Fis-7.00pm Laqgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali għall-ġenituri u l-parrini li t-tfal tagħhom ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof din is-sena.

**Il-Ħadd 23 It-Tielet Ħadd tar-Randan**

**It-Tnejn 24** Fis-6.45pm Bidu tal-Eżerċizzi tal-Miżżewġin fil-Knisja, eżattament wara l-Quddiesa, minn P.Thomas Calleja ofm.Conv.

**It-Tlieta 25** Fil-5.15pm tibda l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Il-Ġimgħa 28** Bejn is-7.00pm u l-10.00pm Eżerċizzi għaż-Żgħażagħ b'differenza. F'dan il-ħin ser isir Talk, ħin għall-Qrar u Quddiesa.
Post – Ċentru Parrokkjali.

**Is-Sibt 29 u l-Ħadd 30 L-aħħar weekend tax-xahar**. Ġabra b'risq il-Parroċċa. Grazzi ħafna tal-ġenerosita' tagħkom. Infakkru li matul il-lejl li ġej indawwru l-arloġġ tagħna għall-ħin tas-sajf.

**Il-Ħadd 30 Ir-Raba' Ħadd tar-Randan**. Mill-lum il-Quddies ta' filgħaxija u matul il-ġimgħa kollu jkun fis-7.00pm.



# AVVIŻ PROVINĊJALI

B’ferħ kbir inħabbrilkom li ‘llum 2 ta’ Frar 2014, il-Ministru Ġenerali, P. Marco Tasca, fetaħ uffiċjalment il-Missjoni l-ġdida f’Kalkutta.

Huwa qaddes quddiesa konċelebrata fil-parroċċa tal-Madonna ta’ Lourdes, Barasat. Fl’omelija qal li jħossu kuntent b’din il-missjoni. Jemmen li din il-missjoni se tkompli tikber u l-prezenza tal-Ordni fin-Nord  tal-Indja hija apprezzata ħafna minn kulħadd. Faħħar l-inizjattiva taż-żewġ Provinċji u għalih din hija eżempju fl-Ordni ta’ kif il-Provinċji għandhom jaħdmu  flimkien.




Kienu preżenti P. Benedetto Baek, Ass. Gen. FAMC, P. Colin Sammut u  P. Stephen Borg.     Mill-Indja kienu preżenti:  Il-Provinċjal, Fr. Sebastian Pendanathu, P. Manuel Manicompel, iż-żewġ missjunarji Frs. Mariadas u Lawrence u tnax–il Patri ieħor mill-Provinċja tas-South.

Il-Ġeneral talab lil P. Manicompel biex jibqa’ f’Kalkutta sal-Kapitlu Provinċjali tagħhom. Dan ifisser li f’Barasat se jkunu 3 patrijiet.  Kien preżenti wkoll Fr. Anthony Rodriquez, il-kappillan tal-parroċċa. Il-knisja kienet mimlija bin-nies.

Il-Ġeneral kellu laqgħat mal-Isqof ta’ Kalkutta: Mons. Thomas D’Souza. L-Isqof wera nteress kbir fina u wegħdna li se jgħinna fil-ħtiġijiet kollha tagħna.

Matul dawn il-jiem il-patrijiet maltin flimkien mal-indjani qegħdin ifittxu DAR tajba għalina. Żaru ħafna postijiet. Sabu diversi djar. Nittama li sa ftit jiem oħra, nagħżlu Dar biex tiġi mixtrija minna u tkun l-ewwel KUNVENT fil-Missjoni l-Ġdida.



P. Alfred  Calleja
Provinċjal

# Tajjeb Tkun Taf

- Matul ir-Randan – Via Sagra kull nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa qabel il-Quddiesa ta' filgħaxija.

- Matul dan ir-Randan ser jinġabru oġġetti tal-preserves tal-ikel jew donazzjonijiet ta' flus b'risq l-Istitut tad-Dar Sagra Familja ħaż-Żabbar. Hemm il-qfief ħdejn il-bibien tal-Knisja.

- Il-Ġimgħa 4 t'April ser isir il-Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tagħna għar-Redentur tal-Isla. Ħallu din il-ġurnata libera.

- Ħallu d-data tas-Sibt 5 t'April fit-7.45pm libera fejn għall-21 sena konsekuttiva ser jittella' d-Dramm tal-Passjoni fil-Knisja Parrokkjali. Id-Dramm, bl-isem ta' "**Faxex**", jittella' miż-Żgħażagħ tal-Parroċċa tagħna, b'kitba u direzzjoni ta' Darren u Charmaine Bonniċi.

**Kappella Ċentru Parrokkjali**

Infakkru li kull nhar ta' Tlieta bejn id-9.00am u nofs in-nhar, Ġesu' jkun espost għall-qima u l-Adorazzjoni tagħna. Ġesu qiegħed jistennik!




**F'isem il-Komunita' Parrokkjali tagħna**
**nagħtu l-kondoljanzi lill-Komunita' Parrokjali**
**ta' San Pawl il-Baħar għat-telfa ta'**
**Patri Mario Galea OFM. Conv.**
**li ngħaqqad mal-Mulej il-Ħadd 16 ta' Frar 2014.**

**Tel: 21573045/ Fax:21578118** **Mobile: 77622275**

**www. parroċċaburmarrad.com**
**email:kappillan@parroċċaburmarrad.com**